MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1096/1992/1

**Salvino, Mario u Beatrice sive Bice, xebba, u Maria armla minn Lino Testaferrata Bonici, ahwa Testaferrata Moroni Viani**

**Vs**

**Francis Montanaro**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur jipposjedu t-territorju gja fidekommesarja primogenitali il-Gzira li kien maghruf bhala "tal-Fawwara" u li llum hu kwazi kollu mibni u

zviluppat, kostitwit b'att tan-Nutar Benedetto Vassallo tas-sebgha ta' Marzu, elf seba' mija u erbatax;

Premess illi parti minn dan it-territorju hu l-kwadrant li jigi bejn Sliema Road, Luqa Briffa Street, Upper St. George's Street u D'Argens Street, Gzira;

Premess illi l-konvenut abusivament u bla jedd qabad u approprija ruhu minn parti minn dan il-kwadrant (li ghadha mhux zviluppata) kif indikat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa ma' l-att tac-citazzjoni Dok. A, u di piu` qed jivvanta jeddijiet fuqha;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-art hawn fuq imsemmija hi proprjeta` ta' l-atturi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut ma ghandu u ma jista' jivvanta ebda jeddijiet fuq l-istess;

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu l-Qorti, jiddemolixxi u jwaqqa kull ma ghamel u tella' fuq l-istess art, jizgombra mill-istess u jhallilha libera lill-atturi u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominand;

4. In difett, tawtorizza lill-atturi biex huma stess jaghmlu dan ix-xoghol u jiehdu pussess ta' l-istess art inattes kull ostakolu li jista' jaghmel il-konvenut, pero` dejjem taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-istess perit nominand;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-24 ta' Gunju u tal-15 ta' Lulju 1992, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati u n-nota tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa illi:-

1. Illi l-fatti allegati mill-atturi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt peress lil-art in kwestjoni ilha ghand il-familja tal-konvenut *uti dominus* ghal aktar minn tletin sena;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Dicembru 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Mark Chetcuti biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess espert gudizzjarju li tinsab a fol. 35 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-10 ta’ Dicembru 1996;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni tal-perit relatur moghtija fl-udjenza tat-22 ta’ Jannar 1998;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijietipprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Minn dak rikapitulat mill-ezami ta’ l-atti f’din l-istanza jidher evidenti illi l-konvenut ghogbu jinterpreta l-eccezzjoni minnu proposta skond il-konvenjenza tieghu u r-rih tal-mument. Effettivament huwa jizviluppa l-*iter* difensjonali tieghu skond kif l-esigenza tas-sitwazzjoni kienet tiddettalu f’dak il-mument partikulari;

Fil-fatt huwa jitlaq mill-punt fejn ghat-talba ta' l-atturi jopponi l-ezistenza fih tal-pussess *ad usucapionem* ossija l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali. Fuq din id-difiza sejjes kemm il-provi kif ukoll it-trattazzjoni tal-kawza permezz ta' Nota ta' l-Osservazzjonijiet (fol. 83). Rinfaccjat, imbaghad, bir-rizultanzi peritali (fol. 35) avversi ghat-tezi sostenuta minnu, akkoppjat bir-rizultat ta' l-eskussjoni tal-perit legali (fol. 88), u bil-produzzjoni (fol. 104) li cahadlu t-talba ghall-preskrizzjoni ta' xhieda godda, *ex-post facto* ir-relazzjoni, u bl-irtirar tar-rikors tieghu stess (fol. 113) biex iressaq provi dwar is-suspettat trasferiment ta' l-art lil terzi fil-mori tal-kawza, biddel ir-rotta (kif ukoll l-Avukat) u ghadda biex sposta d-difiza originarja tieghu minn dik tal-preskrizzjoni akkwizittiva tal-proprjeta` ghal dik tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni. Dan fuq l-assunt illi kif minnu spjegat f'nota ulterjuri ta' l-osservazzjonijiet (fol. 121) hu "bl-ebda mod ma hu qed jallega illi bit-trapass taz-zmien huwa akkwista l-proprjeta` assoluta tal-fond *de quo*, kif erronjament sostna l-perit legali fir-rapport tieghu, izda illi l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghax hija estinta u preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2143";

Issa hu generalment ammess li konvenut ma huwiex prekluz milli jaddotta aktar minn sistema wahda ta' difiza. Dan jista' jinghad b'aktar raguni, imbaghad, f'kaz fejn ikun invokat l-Artikolu 2143 gjaladarba dan id-dispost tal-ligi jikkontempla li l-preskrizzjoni tista' titqies kemm akkwizittiva kif ukoll estintiva. Vide decizjoni fl-ismijiet "**Bernardina D'Amato et –vs- Lourdes Axiaq**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef G. Caruana Demajo, 2 ta' Gunju 2000. Jghid in fatti l-**Baudry** ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", Vol. XXVIII para. 587): "*questa regola, nella sua generalita`, si applica alla prescrizione, sia acquisitiva sia estintiva*." Tajjeb pero` li jigi rammentat illi skond l-insenjament tal-**Laurent** ("*Principii di Diritto Civile*", Vol. XXXII para. 367 *et seq.*) "l-azzjoni tal-proprjetarju biex jiehu dak li huwa tieghu ma tistax tigi opposta b'semplici preskrizzjoni estintiva, imma b'dik akkwizittiva, konvolgenti l-pussess ta' l-eccipjenti" – "**Carolina Davison et –vs- Marianna Debono et**", Prim'

Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Novembru 1935 (**Vol. XXIX P II p 736**);

Cionostante, jekk din il-procedura hi konsentita lill-konvenut daqstant iehor ghandu jkun konsentit u apprezzat illi l-Qorti tigbed l-inferenzi li jidhrilha xierqa mill-ghazliet maghmula u taghmel ir-riflessjonijiet opportuni fuq il-bidla sperimentata mill-konvenut fil-kors tal-kawza tal-posizzjoni pre-stabilita minnu stess;

Jidher bic-car illi t-trasformazzjoni tal-linja ta’ difiza adotta mill-konvenut kienet ispirata mill-hsieb rakkolt mid-decizjoni fl-ismijiet “**Josianne Sciberras –vs- Giovanni Vella et**”, Appell, 21 ta’ Frar 1996, li taghha hu stess esebixxa kopja (fol. 127);

Fiha nghad illi “hemm distinzjoni elementari bejn il-preskrizzjoni estintiva ta’ l-azzjoni u l-preskrizzjoni akkwizittiva tal-proprjeta`. Filwaqt li fl-ewwel kaz min jaghti l-eccezzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli, jkun imbaghad jispetta lill-<u>attur kreditur</u> li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezz li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni, fit-tieni kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva jispetta lill-<u>konvenut debitur</u> mhux biss li jipprova l-perkors taz-zmien stabbilit bil-ligi, imma wkoll l-elementi kollha li l-ligi tezigi li jigu ppruvati biex l-eccezjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tinghata b’success.”;

Fl-istess sens hi d-decizjoni ta’ l-istess Qorti tal-25 ta’ Frar 2000 fil-kawza fl-ismijiet “**Jeremy Holland nomine –vs- Joseph Chetcuti**”, tant li tirriporta l-istess kliem tal-bran appena espress;

Minn dan fuq dedott din il-Qorti taghmel mill-ewwel din l-osservazzjoni. Fil-kaz fejn tkun kontemplata l-preskrizzjoni estintiva l-oneru tal-prova biex titwaqqa’ din il-preskrizzjoni jinkombi fuq l-attur li ppropona l-azzjoni;

Fil-kaz in ezami l-Qorti qabel xejn tinnota illi n-Nota tal-konvenut fejn *in extremis* isostni li l-eccezzjoni tieghu ghandha tigi rigwardata minn din l-ottika, ma gietx

notifikata lill-atturi. Mhux hekk biss pero`. Tosserva wkoll illi proceduralment l-atturi, b'din il-proposizzjoni gdida tal-konvenut, tqeghdu f'posizzjoni ta' pregudizzju billi l-atturi ma kellhomx l-opportunita` li jgibu l-provi u l-argomenti taghhom fuq il-materja. Sitwazzjoni bhal din ma tistax, la logikament u, wisq aktar, guridikament, tigi permessa billi ma jistax jigi konsentit illi parti in kawza tigi sorpriza ghas-semplici raguni li l-parti l-ohra fettlilha tibdel il-linja ta' difiza taghha. *Multo magis*, imbaghad, fejn il-provi jkunu gja inghalqu, giet prezentata r-relazzjoni u l-kawza tkun imhollija ghad-decizjoni. Provi dawn li tajjeb li wiehed ifakkar kienu ghal kollox korrelatati mal-posizzjoni primarja assunta mill-konvenut riferibilment ghall-kwestjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tal-proprjeta`. In bazi ghal kunsiderazzjoni formulata dina l-Qorti mhix propensa li tikkonsidra l-izvestiment unilaterali tad-difiza tal-konvenut minn wahda purament pozizzjonata fuq il-binarju tal-preskrizzjoni akkwizittiva ghal dik l-ohra tal-preskrizzjoni estintiva;

Dan premess, huwa pacifiku illi l-proprjeta` ma tintilefx bin-nuqqas ta' uzu da parte tas-sid. Tintilef, invece, jekk haddiehor jiehu pussess taghha u jezercita fuqha jedd ta' poter ghaz-zmien kollu mil-ligi stabbilit u skond il-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mill-Artikolu 2107 tal-Kodici Civili. Jispetta ghalhekk lil dan haddiehor l-oneru li jipprova r-rekwiziti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu;

Qabel indagini tal-provi in meritu ghall-posizzjoni sostenuta mill-konvenut, irid jigi sottolineat illi gjaladarba mill-indoli ta' l-azzjoni din hi dik komunement maghrufa bhala azzjoni ta' rivendika ossia l-*actio reivendicatoria*, jispetta fl-ewwel lok lill-atturi li jaghmlu l-prova tad-dominju taghhom fuq l-art, anke jekk dan strettament ma jirrizultax li jinsab attakkat minn xi eccezzjoni jew sottomissjoni tal-konvenut;

Din il-prova tad-dominju tista' ssir mhux biss permezz ta' titolu izda anke bi kwalsiasi mezz iehor. "*In difetto di un titolo l'attore e` ammesso a provare il suo dominio con qualunque altro mezzo permesso dalla legge*" (**Vol. VII p**

**390; Vol. P II p 893**). Hija allura permessa skond il-parir awtorevoli tal-**Fadda** (paragrafu 341) anke prova kongetturali jew semplici presunzjoni in kwantu "*ne occorre quindi che l'attore giustifichi in modo pieno il da lui vantato dominio, ma basta che fornisca argomenti prevalenti a quello del suo avversario*";

Issa fil-kaz *de quo* jidher li din il-prova tinsab sodisfatta. Dan mhux biss bis-semplici dikjarazzjoni ta' l-atturi illi t-territorju "Tal-Fawwara" kien jifforma parti mill-fedekommess primogenjali izda ghaliex dan jinsab sostenut ukoll mill-provenjenza rakkolta mill-kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika tat-8 ta' Marzu 1933 (fol. 55) fejn a propozitu jinsab redatt illi dan it-territorju hu possedut mill-Baruni Testaferrata Moroni Viani skond il-fedekommess ordinat mill-Baruni Paolo u l-Baronessa Beatrice konjugi Testaferrata skond l-atti tan-Nutar Benedetto Vassallo tas-7 ta' Marzu 1714. Jidher ghalhekk li l-art *de quo* ilha fil-pussess tal-familja ta' l-atturi minn din id-data l-ahhar imsemmija;

Kif jinsab ritenut, una volta l-attur jipprova dan id-dritt tieghu ta' dominju, "m'ghandux ghalfejn jaghmel xejn izjed; senjatament m'ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva li l-konvenut m'ghandux id-dritt reali li qed jikkompa in kwantu tali prova tispetta allura lill-konvenut li jkun qed jallegaha" – "**Carmelo Mercieca –vs- Emanuela Sant**", Appell Civili, 6 ta' Lulju 1968;

Kif fuq gja ntqal il-konvenut uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt eccepit minnu irid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika "*longissimi temporis praescriptio*". Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jipposjedi b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta` li hu jew l-aventi kawza jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawk il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita tal-pussess

*animo domini*, kongunta s'intendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tassahhah il-preskrizzjoni (**Vol. XLVI P I p 381**);

Jinsab insenjat ukoll illi "l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha – *animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini*" - "**Carmelo Caruana et –vs- Orsla Vella**", Appell Civili, 13 ta' Marzu 1953. "Mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-bona grazzja jew tolleranza" (**Vol. XLI P I p 178**);

Rilevanti wkoll li jigi annotat illi skond l-Artikolu 2118 tal-Kodici Civili dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor ma jistghux jippreskrivu favur taghha infushom, ighaddi kemm ighaddi zmien. Dawn jinkludu l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji u generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom. "Mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew il-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja" ("**Victor Chetcuti et –vs- Michael Xerri**", Appell, 31 ta' Mejju 1996);

Qabel esplorazzjoni tal-provi fil-kaz prezenti ma jkunx ozzjuz li jigi imfakkar illi l-figura specifika tal-pussess flimkien man-normi li jiddixxplinawha mhix riferibbli biss ghall-inizzju jew semplicement ghat-tmiem tal-pussess, izda ghandha tipperdura matul iz-zmien kollu mehtieg ghall-preskrizzjoni;

Barra minn dan hu maghruf ukoll illi ghall-finijiet tal-preskrizzjoni hawn trattata s-successuri fil-pussess jaggungu mal-pussess taghhom dak tal-predecessuri taghhom basta, s'intendi, jkunu jikkonkorru d-debiti vinkoli guridici bejn is-successuri u l-predecessuri taghhom u, inoltre wkoll l-istess xorta ta' pussess materjali u guridiku fis-sens fuq espress;

Issa fil-kaz prezenti jirrizulta mill-provi illi:-

I. Skond il-versjoni tal-konvenut, u dejjem fuq kliem nanntu, fl-1960 in-nannu tieghu ghamel ftehim ma’ certu Zanzu li kellu r-raba f’dawk l-inhawi li jekk nannuh inaddaf parti mill-ghalqa jista’ jiehu hsiebha hu u jizraghha. Jinghad ukoll illi dan nannuh kien jaghti d-demel lil dan Zanzu. Kien wara li miet nannuh li hu u ommu rritornaw lura mill-Ingilterra;

II. Din il-porzjoni tal-ghalqa tinsab retroposta ghad-dar 231 Rue D’Argens, Gzira li fl-1964 kien kera nannuh u li prezentement qed jghix fiha il-konvenut. Dan biss li krielu Saviour Cilia. Id-dar ma tinfedx mal-porzjoni ta’ l-art meritu tal-kawza. U dejjem skond il-konvenut meta l-attur dahal bil-gaffa l-art ma kienetx maghluqa ghaliex kienet tifforma parti minn raba estensiv. Kien biss wara dan l-incident li hu ghalaq din il-parti tal-ghalqa bil-*fencing* tac-*chicken wire*;

III. Il-konvenut jghid ukoll illi fl-okkazjoni meta l-atturi gew bil-gaffa hu kien zammhom milli jidhlu pero` f’okkazjoni precedenti ghal din meta dahhlu fuq l-art hu jistqarr hekk: “Jien ma kontx naf kif imorru l-affarijiet u ma tkellimt xejn”;

IV. Ix-xhud Carmel Sammut jghid li kien jara lill-konvenut jilghab f’ghalqa vicina meta kien zghir. Kien jara wkoll lill-omm il-konvenut izda fir-raba vicin ghal din. Pressapoco x-xhud Mario Cini, gar tal-konvenut, jafferma l-istess haga;

V. Alfred Fenech iddepona illi hu kellu affittata ghalqa vicina ghal dik tal-gabillot Zanzu Bezzina u dejjem lil dan ra f’din l-ghalqa. Anzi jeskludi ghal kollox il-presenza tal-konvenut fuq din l-istess ghalqa. Dan Zanzu, bhalu, kien ihallas il-qbiela lill-atturi;

Mill-premess kif ukoll mir-rizultanzi peritali u mis-sottomissjonijiet tal-kontendenti hemm kuntrast serju dwar in-natura tal-pussess pretiz mill-konvenut matul il-kors tat-terminu preskrittiv. Hemm kontestazzjoni wkoll dwar il-mument ta’ l-allegat spussessament da parte tal-konvenut. Kuntrast u kontestazzjoni li kien di rigore

jispetta lill-konvenut li jiccara b’mod definittiv billi jissodisfa lill-Qorti li dak minnu pretiz kien korrett u ben fondat;

Mill-provi akkwiziti din il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(i) Il-bicca tal-ghalqa li l-konvenut jghid li jipposjedi ghaddiet lil nannuh minghand il-gabillot ta’ l-istess ghalqa li kien kerrej taghha. Jidher li dan sar bil-buona grazzja ta’ l-istess kerrej li ppermetta li dan isir bit-tpattija talli n-nannu tal-konvenut kien ipprestalu servizz billi naddaflu l-ghalqa. Huwa inverosimili li dan in-nannu ma kienx jaf li l-ghalqa li kellu f’idejh l-imsemmi Zanzu Bezzina kienet hekk lokata lilu;

(ii) Jinghad a propositu wkoll illi dan l-istess nannu tal-konvenut kien ipattilu b’ghoti ta’ demel. Minn dan il-fatt wiehed jista’ ragjonevolment jipprezumi illi dan kien isir bi tpattija talli l-kerrej hallieh juza din il-parti tal-ghalqa, u li allura l-ghoti tad-demel jirrapprezenta l-korrispettiv ghall-godiment tal-haga. Sitwazzjoni bhal din tirrivesti ruhha fid-definizzjoni li l-ligi taghti ghal kuntratt ta’ kera fil-Kodici Civili (Artikolu 1526). F’dan is-sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet “**Vella –vs- Schembri**”, Appell, Sede Inferjuri, 3 ta’ Dicembru 1975 u “**Grima –vs- Frendo**”, Appell, Sede Inferjuri, 2 ta’ Awissu 1994;

(iii) Il-konvenut ma seta’ qatt usukapixxa dik il-parti tal-ghalqa in forza ta’ l-eccepita preskrizzjoni akkwizittiva trentennali billi, kieku stess kellu jigi provat li huwa pposjeda “*uti dominus*” u legittimament l-istess parti, dan il-pussess tieghu ma jista’ qatt jirrimonta ghall-aktar minn 22 sena qabel u cioe` data li fiha miet nannuh. Dan qed jinghad in kwantu l-konvenut ma pprovax li dan nannuh kien ukoll jiddetjeni l-ghalqa *uti dominus*;

(iv) Sabiex jinghad li l-preskrizzjoni msemmija operat ruhha favur il-konvenut hu mehtieg li dan, mal-pussess tieghu *animo domini* jirriunixxi dak *animo domini* ta’ nannuh jew ta’ nanntu. Kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib il-prova ta’ dan l-element volitiv ta’ l-*animus domini*;

(v) Jirrizulta, imbaghad, illi l-konvenut iddecieda li jezercita poter fuq l-art billi dawwarha bic-*chicken wire* fit-tieni okkazjoni biss meta l-atturi ttentaw jidhlu bil-gaffa. Fl-ewwel okkazjoni kif minnu konfessat ma kienx jaf kif imorru l-affarijiet u ma tkellem xejn. Ghall-Qorti dan ragjonevolment ifisser illi l-konvenut ma kellux dak l-element intenzjonali sod rekwizit tal-pussess;

(vi) Minn dan kollu premess ghall-Qorti jitnissel car illi ghall-uzukapjoni tal-porzjoni tal-ghalqa huwa ta' ostakolu in-nuqqas konklussiv tal-prova dwar l-element bazilari tal-pussess *animo domini* u tad-dekorriment taz-zmien minn meta effettivament seta' jibda jigi ezercitat tali pussess. Il-provi tal-konvenut kienu debboli u daqstant iehor b'mod debboli u vag hu konfortat mix-xhieda prodotti minnu. Ta' sinifikat hu l-fatt illi l-konvenut naqas biex isostni t-tezi tieghu illi jipproduci d-denunzja tas-successjoni ta' nannuh jew ta' nanntu jew dik ta' ommu. Din certament kienet tghin bhala prova serja biex id-difiza tieghu tkun sorretta;

Rigwardata minn din il-perspettiva, anke kieku l-Qorti kellha titratta l-materja mill-aspett tal-preskrizzjoni estintiva, din l-eccezzjoni wkoll kienet tfalli billi l-konvenut ma rnexxielux jipprova l-bazi tal-pussess tieghu u l-punt tat-tluq tieghu, hekk mehtieg kemm mil-lat ta' preskrizzjoni akkwizittiva kemm fil-kaz tal-presrkizzjoni estintiva.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, takkolji d-domandi attrici billi tiddikjara li l-art meritu ta' l-azzjoni hi proprjeta` ta' l-atturi u l-konvenut ma ghandu l-ebda jeddijiet fuqha;

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut biex zmien xahar mil-lum jizgombra minn din l-art u jhalliha libera minn kollox billi jnehhi kull haga eretta fuqha. Jekk jonqos li jaghmel dan fiz-zmien lilu prefiss l-atturi huma minn issa awtorizzati biex jaghmlu a spejjez tal-konvenut ix-xoghol

ta’ hatt u demolizzjoni li jokkorri u jiehdu pussess ta’ l-art taghhom.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------